32005D0901

15.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 328/59

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Diċembru 2005

## li taħtar membru Belġjan għall-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/901/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Belġjan,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2002 sal-25 ta' Jannar 2006.

(2) Post ta' membru tal-Kumitati tar-Reġjuni sar vakanti wara li skada l-mandat tal-Ministru-President tal-Gvern tal-Wallonja, is-Sur Jean-Claude VAN CAUWENBERGHE, membru.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Huwa maħtur membru għall-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2006:

Is-Sur Jean-Claude VAN CAUWENBERGHE,

Membru tal-Parlament tal-Wallonja,

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hija għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar 12 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. STRAW

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.